DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Frar 2010

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland

(2010/114/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2009/26 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2009 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland ser jiskadi wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2008. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2009.

(3) Is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għażlet lil Deloitte & Touche bħala l-awdituri esterni tagħha għas-snin finanzjarji 2009 sal-2011.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Deloitte & Touche jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għas-snin finanzjarji 2009 sal-2011.

(5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE [2] kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Deloitte & Touche huma b' dan approvati bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland għas-snin finanzjarji 2009 sal-2011."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-BĊE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SALGADO

[1] ĠU C 308, 18.12.2009, p. 1.

[2] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.